

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Revizzjoni minn Franza ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq is-servizzi bl-ajru skedati bejn Strasburgu u Praga

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 212/09)

1. Franza ddeċidiet li tirrevedi, mit-30 ta' Marzu 2008, l-obbligi ta' servizz pubbliku rigward is-servizzi ta' l-ajru skedati bejn l-ajruport ta' Strasburgu u Praga, imposti skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji ⁽¹⁾. Dawn l-obbligi jissostitwixxu dawk ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 246 tat-13 ta' Ottubru 2006*.

2. L-obbligi ta' servizz pubbliku huma dawn:**2.1. Frekwenza**

Is-servizzi għandhom ikunu operati bejn Strasburgu u Pariġi b'talanqas żewġ titjiriet bir-ritorn fil-ġimgħa s-sena kollha, waħda nhar ta' Tnejn u l-oħra nhar ta' Ħamis.

2.2. Tipi ta' ajruplani użati u kemm jesa' l-ajruplan

Il-kapaċità minima proposta għandha tkun ta' 250 post għal kull ġimgħa u f'kull direzzjoni.

2.3. Skeda tal-ħinijiet

Il-ħinijiet għandhom ikunu adattati għall-ħinijiet tas-seduti parlamentari, jew wasla fi Strasburgu nhar ta' Tnejn kemm jista' jkun qrib is-14:00 iżda mhux aktar tard, u tluq minn Strasburgu nhar ta' Ħamis kemm jista' jkun qrib il-17:00 iżda mhux aktar tard.

2.4. Kummerċjalizzazzjoni tat-titjiriet

It-titjiriet għandhom ikunu kkummerċjalizzati permezz ta' sistema kompjuterizzata ta' riżervazzjoni.

2.5. Kontinwità tas-servizz

Ħlief fil-każ ta' forza maġġuri, l-għadd ta' titjiriet ikkanċellati minħabba raġunijiet li għalihom ikun responsabbli l-operatur tat-trasport bl-ajru ma għandux jaqbeż, għal kull staġun aeronawtiku ta' l-IATA, 2 % ta' l-għadd previst ta' titjiriet. Barra minn hekk, it-trasportatur ma jstax iwaqqaf is-servizzi ħlief wara avviż ta' talanqas 6 xhur minn qabel.

L-operaturi Komunitarji tat-trasport bl-ajru huma mgħarrfa li l-operar ta' servizz li ma jaqdx l-obbligi ta' servizz pubbliku li ssemmev hawn fuq jista' jgħib miegħu sanzjonijiet amministrattivi u/jew ġuridiċi.

(¹) ĠUL 240, 24.8.1992, p. 8.